MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 949/17 LM

**Leonard Farrugia (K.I. Nru. 571778M) u**
**martu Ritienne Farrugia (K.I. Nru 563181M)**

***vs.***

**Catherine sive Katie armla ta' John Farrugia (K. I. Nru 683055M) personalment u kif ukoll bħala l-unika eredi tal-mejjet żewġha John Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2017 mill-atturi **Leonard Farrugia (K.I. Nru. 571778M) u martu Ritienne Farrugia (K.I. Nru 563181M)** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Leonard Farrugia, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrent Leonard Farrugia kien silef lill John Farrugia, ir-raġel tal-intimata, li miet fis-6 ta' Ottubru 2015, diversi somom ta' flus għal sena bl-imgħax, u dan f'erba' okkażjonijiet u kull darba permezz ta' skrittura privata.*

2. *Illi dan is-self jammonta komplessivament għas-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) bl-imgħax u dan kif ġej:*

   i) *Permezz ta' skrittura privata tat-22 ta' Mejju, 2015, li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. 'A', l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) għal sena versu l-imgħax ta' sitta fil-mija fis-sena (6%p.a.).*
   ii) *Permezz ta' skrittura privata tat-30 ta' Ġunju, 2015, li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. 'B', l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) għal-sena versu l-imgħax ta' ħamsa u nofs fil-mija fis-sena (5.5%p.a.).*
   iii) *Permezz ta' skrittura privata tat-13 ta' Lulju, 2015, li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. 'C', l-ammont ta' għaxat elef Euro (€10,000) għal sena versu l-imgħax ta' ħamsa u nofs fil-mija fis-sena (5.5%p.a.).*
   iv) *Permezz ta' skrittura privata tal-11 ta' Settembru, 2015, li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. 'D', l-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000) għal-sena versu l-imgħax ta' ħamsa fil-mija fis-sena (5%p.a.).*

3. *Illi l-imsemmi John Farrugia miet fis-6 ta' Ottubru, 2015 u għalkemm l-ammonti hawn fuq imsemmija huma kollha dovuti peress li għaddiet sena u aktar u dan flimkien mal-imgħaxijiet relattivi u għalkemm l-intimata, li mhux biss hi l-armla ta' John Farrugia iżda wkoll l-unika eredi tiegħu, ġiet interpellata kemm verbalment u kif ukoll uffiċjalment biex tħallas dak dovut lir-rikorrenti, u għalkemm din irrokonoxxiet li għandha tħallas lir-rikorrenti skont kif stipulat fl-iskritturi privati hawn fuq imsemmija, din baqgħet inadempjenti.*

4. *Illi sat-12 ta' Lulju, 2017, u ċioè meta l-esponenti ppreżentaw tliet ittri uffiċjali kontra l-konvenuta, tnejn fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u waħda fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-esponenti kellhom jieħdu mingħand l-intimata l-ammont komplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u erba u tletin ewro (€55,334) u dan inkwantu għas-somma ta' €50,000 f'kapital misluf u inkwantu għas-somma ta'€5334 f'imgħaxijiet.*

5. *Illi dan l-ammont kollu huwa cert, likwidu u dovut u l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet tar-rikorrenti.*

6. *Illi r-rikorrent Leonard Farrugia jiddikjara li jaf b'dawn l-fatti personalment u qiegħed għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u skont l-eżiġenzi tal-artikoli 167 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) ukoll jippreżenta flimkien ma' dan ir-rikors ġuramentat affidavit li qed jiġi mmarkat bħala dokument 'E'.*

*Raġuni tat-Talba:*

*Illi għalkemm l-intimata ġiet debitament interpellata kemm verbalment u kif ukoll uffiċjalment sabiex tħallas lir-rikorrenti l-kapital hawn fuq indikat u kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi u li jirrizultaw mill-iskritturi privati Dok. 'A' sa Dok. 'D' annessi ma dan ir-rikors ġuramentat, u għalkemm l-intimata irrikonoxxiet li kellha tħallas lura l-kapital u l-imgħaxijiet relattivi kif hawn fuq imsemmi din baqgħet inadempjenti.*

*It-Talbiet:*

*Tgħid l-intimata għar-ragunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigħ tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta); u*

2. *Tiddikjara li l-intimata hi responsabbli għall-ħlas tal-ammont kumplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u erba u tletin Euro (€55,334) u dan inkwantu għas-somma ta' €50,000 f'kapital misluf u inkwantu għas-somma ta' €5,334 f'imgħaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017 u ċioè sad-data tat-tliet ittri uffiċjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €55,334 mit-13 ta' Lulju, 2017 sal-pagament effettiv; u*

3. *Tikkundanna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u erba u tletin Euro (€55,334) u dan inkwantu għas-somma ta' €50,000 f'kapital misluf*

*u inkwantu għas-somma ta'€5,334 f'imgħaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017 u cioè sad-data tat-tliet ittri uffiċjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €55,334 mit-13 ta' Lulju, 2017 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' żewġ ittri uffiċċjali tat-12 ta'Lulju 2017 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tal-ittra uffiċċjali tat-12 ta' Lulju 2017 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dawk tal-mandat ta' sekwestru nru 1693/17, kontra l-intimata, li hi minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar, 2018 fejn peress li mis-sottomissjonijiet tal-konvenuta deher li kien hemm xi eċċezzjonijiet x'jingħataw, il-Qorti tat lill-konvenuta għoxrin (20) jum minn dakinhar sabiex tippreżenta r-risposta maħlufa tagħha.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Catherine sive Katie armla ta' John Farrugia (K. I. Nru 683055M)** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Jannar, 2018, li biha eċċepiet:

1) *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju l-fatti msemmija mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom għandhom jiġu ppruvati stante illi huma kkontestati;*

2) *Illi preliminarjament ukoll, il-kawża odjerna ġiet intavolata kontra Catherine Farrugia, l-mara tad-defunt John Farrugia, u li din ġiet ċitata wkoll fil-vesti personali tagħha, madanakollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħha peress li l-esponenti ma kinitx firmatarja fuq l-ebda waħda mill-iskritturi esebiti flimkien mar-rikors ġuramentat;*

3) *Illi fit-tielet lok, kif teżiġi l-ligi f'dak illi jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin, atti ta' amministrazzjoni straordinarja, inklużi fosthom l-att ta' self ta' flus*[1]*, huwa skont l-artiklu 1322(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta att li kien imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien. Madanakollu jidher biċ-ċar mil-*

[1] Skont l-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*iskritturi stess (annessi mar-rikors promotur tal-atturi) li Catherine Farrugia ma dehret qatt personalment u ma tiffigura mkien fuq tali skritturi. Illi konsegwentament l-att li għamel id-defunt John Farrugia mal-attur kien wieħed straordinarju u li dan għamlu f'ismu propju, la għall-ħtiġijiet tal-familja u anqas bħala att ta' kummerċ, negozju jew professjoni u li b'hekk fin-nuqqas tal-kunsens tagħha dawn ma jistgħux jorbtu lill-esponenti. Illi għalhekk ukoll, l-ebda kreditu pretiż ma jista' jkun dovut mill-esponenti fil-vesti tagħha personali;*

4) *Illi fil-mertu u bla preġuddizju għas-suespost, u b'referenza għall-'Dok A' tar-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna, u senjatament l-iskrittura datata t-22 ta' Mejju, 2015, ma hemm l-ebda referenza għal meta kellha tiġi mogħtija lura s-somma indikata u fil-fatt hemm biss indikazzjoni f'din l-iskrittura ta' kif għandom jiġu komputati l-interessi fis-sena (f'din l-iskrittura tissemma r-rata ta' sitta fil-mija (6%)), iżda effettivament ma hemm la indikazzjonijet jekk dawn is-sommom ġewx imħallsa mal-għeluq tas-sena tagħhom u anqas id-dati meta effetivament l-ammonti kellhom jitħallsu u li b'hekk ai termini tal-artikolu 1077 tal-Kap. 16, qabel jibda jiddekorri ż-żmien tal-ħlas għanda tkun il-Qorti li tistabbilixi dan l-istess terminu.*

5) *Illi fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost, u b'referenza għall-'Dok B', 'Dok. C' u 'Dok. D', senjatament l-iskritturi datati t-30 ta' Ġunju, 2015, t-13 ta' Lulju, 2015 u 11 ta' Settembru, 2015, liem skritturi ġew preżentati mar-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna, għandhom biss indikazzjonijiet ta' kif għandu jiġi komputat l-imgħax, u di piu hemm indikat li jekk konsegwentament ma kienet ingħatat l-ebda struzzjoni, kif fil-fatt ma jidhirx li ngħatat, is-sommom kolla kellhom jitqiesu bħala sommom kurrenti, b'rati tal-imgħax differenti, liem rati pero mhumiex indikata f-iskritturi, u għaldaqstant l-ammont ċertament mhuwiex dovut u wisq anqas ma huwa ċert. Illi fil-każ ta' dan il-kreditu hekk reklamat japplika wkoll l-artikolu 1077 tal-Kap. 16 u dan għaliex l-azzjoni hija inammissibli, u konsegwentement hija l-Qorti li trid tiddeċiedi meta jibda jiddekorri t-terminu tal-ħlas u tistabbilixxi liema rata ta' imgħax hija applikabbli.*

6) *Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju, kwalunkwe azzjoni hija intempestiva, stante illi l-iskritturi esebiti u mmarkati jitkellmu dwar imgħax u mhux ammonti li jridu jithallsu wara sena;*

7) *Illi r-rikorrenti di piu jridu wkoll jindikaw meta u kif għaddew il-flus lil John Farrugia;*

8) *Illi di più, l-atturi jridu jippruvaw suffiċjentement il-provenjenza ta' din is-somma;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni da parti tal-avukat difensur tal-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur Leonard Farrugia permezz ta' erba' (4) skritturi privati, datati 22 ta' Mejju, 2015, 30 ta' Ġunju, 2015, 13 ta' Lulju, 2015 u 11 ta' Settembru, 2015[2], kien silef lid-defunt John Farrugia, ir-raġel tal-konvenuta, rispettivament is-somma ta' €10,000 bir-rata ta' mgħax ta' 6% fis-sena, is-somma ta' €10,000 bir-rata ta' mgħax ta' 5.5% fis-sena, is-somma ta' €10,000 bir-rata ta' mgħax

[2] *A fol.* 4, 5, 6, u 7 tal-proċess.

ta' 5.5% fis-sena, u s-somma ta' €20,000 bir-rata ta' mgħax ta' 5% fis-sena. John Farrugia miet fis-6 ta' Ottubru, 2015. L-atturi jsostnu li l-ammonti msemmija huma kollha dovuti peress li għaddiet sena jew aktar mid-data ta' kull skrittura u dan flimkien mal-imgħaxijiet relattivi, u l-konvenuta, li hija l-armla ta' John Farrugia u l-unika eredi tiegħu, għalkemm ġiet debitament interpellata permezz ta' tliet ittri uffiċjali u għad illi hija rrikonoxxiet li għandha tħallas lill-atturi, hija baqgħet inadempjenti. L-atturi qegħdin jirreklamaw mingħand il-konvenuta s-somma komplessiva ta' €55,334, u ċjoè €50,000 bħala kapital u €5,334 bħala mgħax.

Min-naħa tagħha l-konvenuta ssostni li t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħha personalment peress li hija ma kinitx firmatarja tal-imsemmija skritturi privati. Tgħid ukoll illi l-liġi teżiġi għal dak illi jirrigwardja l-komunjoni tal-akkwisti, li atti ta' amministrazzjoni straordinarja, inkluż self ta' flus, jispettaw liż-żewġ miżżewġin flimkien, imma mill-imsemmija skritturi privati stess, jirriżulta li l-konvenuta Catherine Farrugia ma dehritx personalment u ma tiffigura mkien fuq dawn l-iskritturi. Il-konvenuta tikkontendi li l-imsemmi self li kien għamel John Farrugia mal-attur, kien wieħed straordinarju li għamel f'ismu proprju, la għall-ħtiġijiet tal-familja u lanqas bħala att ta' kummerċ, negozju jew professjoni u b'hekk fin-nuqqas ta' kunsens tagħha l-imsemmi self ma jistax jorbot lill-konvenuta. Kwantu għall-iskritturi nfushom, il-konvenuta tikkontendi li l-iskrittura tat-22 ta' Mejju, 2015 ma tagħmel l-ebda riferiment għal meta kellha tintradd lura s-somma mislufa, m'hemm l-ebda indikazzjoni jekk dawk is-somom ġewx imħallsa mal-għeluq tas-sena u ma fihom ebda indikazzjoni meta l-ammonti kellhom jitħallsu lura u għalhekk fin-nuqqas għandha tkun il-Qorti li tistabbilixxi t-terminu għall-ħlas lura tas-somom mislufa. Il-konvenuta tgħid ukoll illi l-atturi għandhom

jindikaw meta u kif kienu għaddew il-flus lil John Farrugia u jridu jippruvaw sufficjentement il-provenjenza tas-somom mislufa lil John Farrugia.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **Leonard Farrugia** l-ewwel xehed permezz ta' *affidavit*[3] u sussegwentement fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2018 xehed *viva voce*.[4] L-attur jgħid li huwa u martu Ritianne Farrugia għandhom jieħdu mingħand il-konvenuta s-somma komplessiva ta' ħamsa u ħamsin elf, tliet mija u erbgħa u tletin Euro (€55,334), €50,000 bħala kapital misluf f'erba' okkażjonijiet permezz ta' erba' skritturi privati[5], u €5,334 f'imgħaxijiet lilhom dovuti sat-12 ta' Lulju, 2017, ċjoè sad-data li l-atturi ppreżentaw tliet ittri uffiċjali. L-attur jgħid li għalkemm il-konvenuta kienet qabbdithom mal-konsulent legali tagħha, biex tinstab soluzzjoni dwar il-pagament tal-kapital misluf u tal-imgħaxijiet relattivi, hu u martu baqgħu ma rċevew xejn. Meta xehed *viva voce*, l-attur ikkonferma li l-firem fuq l-iskritturi privati li jinsabu esebiti *a fol.* 4, 5, 6, u 7 tal-proċess huma tiegħu l-attur u tad-defunt John Farrugia. L-attur jgħid li s-self fuq kull skrittura kien għal perijodu ta' sena. L-attur jgħid li meta miet John Farrugia fis-6 ta' Ottubru, 2015, huwa kien ikkuntattja lil martu Catherine Farrugia biex jara kif kien ser jitħallas lura u din min-naħa tagħha kienet qaltlu biex jikkuntattja lill-avukat tagħha li kien ipproponielu li jidħol f'kuntratt ieħor mal-konvenuta għal perijodu ta' ħames snin, l-ewwel sentejn mingħajr imgħax u t-tliet snin ta' wara bl-imgħax bil-5.5% u bis-6% kif qegħdin, imma ma kienu waslu mkien għax l-

[3] A fol. 8 tal-proċess.
[4] A fol. 28 sa 38 tal-proċess.
[5] Ara nota *in calce* 2 tal-proċess.

avukat tal-konvenuta ried ippoġġih ma' ħaddieħor u l-attur ma kienx aċċetta. L-attur jgħid li fl-ebda mument il-konvenuta jew l-avukati tagħha ma kienu qalulu li ma kellux jieħu l-flus għax kienu jafu li kien silifhomlu dawk il-flus lil John Farrugia. L-attur jgħid ukoll illi huwa kien ilu jaħdem għaxar snin il-Freeport u l-flus li kien silef lil John Farrugia kienu qalgħhom mix-xogħol tiegħu hemmhekk.

Fl-istess udjenza tal-5 ta' Frar, 2018 xehdet ukoll **Jacqueline Busuttil**[6]**,** li kienet ilha sa minn Ottubru 2000 sa Ottubru 2015 taħdem mad-ditta DBR li l-azzjonista ewlieni tagħha kien id-defunt John Farrugia. DBR kienet kumpannija ta' investimenti li taġixxi bħala aġent billi tinvesti f'isem in-nies. Ix-xhud meta ġiet murija l-iskritturi privati li jinsabu esebiti *a fol.* 4, 5, 6, u 7 tal-proċess, hija għarfet fuqhom il-firma ta' John Farrugia. Ix-xhud tgħid li John Farrugia kien jissellef il-flus mingħand in-nies u huwa kien jislef il-flus lil ħaddiehor, fosthom anki negozjanti bħal Charles Polidano ċ-Ċaqnu meta dan kien ikollu *cash restrictions*. Ix-xhud tgħid li kien hemm klijenti ġodda li jisilfu somma flus lil John Farrugia għall-ewwel darba u oħrajn li kienu jagħmlu *renewal* tas-self lil John Farrugia kull sena, li kienu jibqgħu jġeddu kull sena. Ix-xhud tgħid li ma tiftakarx jekk fil-każ tal-atturi dan kienx *renewal* jew self ġdid. Dwar min kien iġedded, kien hemm min kien iġedded biss il-kapital, kien hemm min kien iġedded il-kapital u anki l-imgħax u kien hemm min ma kienx iġedded u jieħu kemm il-kapital u kemm l-imgħax. Lejn l-aħħar tad-depożizzjoni tagħha, ix-xhud Jacqueline Busuttil tgħid illi min kien ikollu skritturi bħal dawk tal-atturi u kien ikun irid jieħu flusu lura u ma jġeddidx, John Farrugia kien jagħtihomlu lura.

[6] *A fol.* 32 sa 38 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018 xehed l-attur **Leonard Farrugia** in kontroeżami[7] li qal illi l-ftehim ma' John Farrugia kien li għeluq is-sena huwa seta' jieħu mhux biss l-imgħax imma anki s-somma. Mistoqsi jekk kienx ta' struzzjonijiet biex iġedded il-ftehim, l-attur wieġeb illi ma kienx il-każ li jġedded għax John Farrugia kien laħaq miet qabel għeluq is-sena mid-data tal-iskrittura. Mistoqsi dwar fejn fl-iskrittura jingħad illi "jekk sa żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-għeluq ta' dan il-kuntratt ma jingħatawx struzzjonijiet ta' ġdid, is-somma tibda titqies bħala kurrenti u għalhekk ir-rata tal-imgħax tkun differenti", l-attur reġa' tenna li ma kienx il-każ li jagħti struzzjonijiet dwar tiġdid għax John Farrugia kien laħaq miet qabel ma għaddiet is-sena. Imma skont l-attur, jekk f'din il-klawsola kien qed jingħad li titqies bħala kurrenti u r-rata tal-imgħax tkun differenti, kurrenti tfisser li "għandek dritt għall-kapital". L-attur jgħid li l-ewwel darba li sellef xi flus lil John Farrugia kien fl-2014, u ċjoè parti mill-istess flus li kien ġedded is-self tagħhom fl-2015 għal sena permezz ta' wħud mill-iskritturi mertu ta' din il-kawża. Leonard Farrugia jispjega li fl-2014 huwa kien silef lil John Farrugia €30,000 li kienu jagħlqu fl-2015, imbagħad kien ġeddidhom sal-2016 u żiedhom b'€20,000, li kienu jagħlqu fl-2016.

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Illi kwantu għall-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta li l-atturi jridu jippruvaw suffiċjentement il-provenjenza tal-flus mislufa minnhom lil John Farrugia, ir-raġel tal-konvenuta, il-Qorti tqis illi l-provenjenza tal-flus mislufa mhijiex xi

[7] A fol. 40 sa 70 tal-proċess.

ħaġa li għandha tidħol fiha din il-Qorti, imma semmai din kienet xi ħaġa li kellu jaraha d-defunt John Farrugia qabel ma ssellef. Fi kwalunkwe każ tenut kont tal-livell ta' salarju li l-attur Leonard Farrugia għandu mal-Malta Freeport, il-leġittimità tas-sors tal-flus mislufa minnu lil John Farrugia bl-ebda mod m'għandha tiġi dubitata.

Illi kwantu għad-diċitura wżata fl-erba' skritturi privati mertu ta' din il-kawża, li kienu saru bejn l-attur Leonard Farrugia u d-defunt John Farrugia, tqis illi żgur dawn l-iskritturi mhumiex xi xempju ta' kif għandha tiġi redatta skrittura privata li tirregola l-obbligazzjonijiet rispettivi bejn min jislef u bejn min jissellef. Imma tenut kont tal-fatt illi dawn l-iskritturi kienu ġew redatti minn John Farrugia nnifsu, mill-provi jirriżulta li dan it-tip ta' skritturi privati kienu jintużaw regolarment mill-istess John Farrugia fin-negozju tiegħu fejn kien jissellef minn persuni bħall-attur li flok ifaddlu flushom il-bank, kienu jsellfu lil John Farrugia b'rata ta' mgħax aktar favorevoli aktar milli kien jagħti l-bank, u John Farrugia min-naħa tiegħu kien jislef lil persuni oħrajn, fosthom negozjanti li kien ikollhom problemi ta' likwidità, b'rata ta' imgħax ogħla minn dik li kien jissellef biha hu. Ix-xhud Jacqueline Busuttil li kienet tmexxi l-uffiċċju ta' John Farrugia għal snin twal sakemm miet, tispjega fix-xhieda tagħha kif kienet taħdem is-sistema adoperata minn John Farrugia bħala parti min-negozju tiegħu, li permezz tal-imsemmija skritturi kien jissellef għal perijodi ta' sena b'imgħax ta' bejn il-5% u s-6%, liema self seta' jiġġedded minn sena għal sena, u li f'każ li ma kienx jiġġedded, is-somma mislufa kienet "tibda titqies bħala kurrenti u għalhekk ir-rata tal-imgħax tkun differenti". Ma kien hemm xejn ta' natura straordinarja fis-self li ħa John Farrugia mingħand l-atturi, anzi dan kien att normali ta' ġestjoni ta' negozju da parti ta' John Farrugia li ċertament il-konvenuta kienet taf bih.

Kemm mix-xhieda ta' Jacqueline Busuttil u anki mid-diċitura tal-iskritturi nfushom, jirriżulta li l-flus mislufa lil John Farrugia kienu marbutin għal sena, li però setgħu jiġu mġedda għal perijodi oħrajn ta' sena. Il-flus li kienu ġew mislufa lil John Farrugia mill-atturi saru ripagabbli lill-atturi għeluq is-sena mid-data ta' kull skrittura. Wara li ġie nieqes John Farrugia l-atturi, għal raġunijiet ovvji, ma ġġeddewx is-self tagħhom u talbu li jitħallsu l-ammont dovut mill-konvenuta li hija l-unika werrieta tad-defunt John Farrugia.

Il-konvenuta min-naħa tagħha rrikonoxxiet id-dejn dovut lill-atturi meta, permezz tal-avukati tagħha, daħlet f'diskussjonijiet mal-atturi dwar il-modalitajiet ta' kif kellu jitħallas lura d-dejn dovut lilhom, mingħajr ma qatt ikkontestat l-eżistenza jew il-*quantum* ta' dan id-dejn. Fi kwalunkwe każ il-konvenuta, bħala l-unika eredi ta' John Farrugia, ladarba ma jirriżultax li aċċettat il-wirt ta' żewġha bil-benefiċċju tal-inventarju, hija obbligata li tagħmel tajjeb għad-djun kollha tal-eredità ta' John Farrugia. Quddiem l-atturi bħala kredituri tad-defunt John Farrugia, il-konvenuta bħala l-unika werrieta tiegħu hija obbligata personalment għad-djun kollha tal-wirt tiegħu.[8]

Kwantu għall-imgħax dovut lill-atturi fuq is-somma mislufa minnhom, m'għandu jkun hemm l-ebda kwistjoni illi dan għandu jinħadem bir-rata stipulata f'kull skrittura sat-12 ta' Lulju, 2017, id-data tat-tliet ittri uffiċjali ppreżentati mill-atturi, u bl-imgħax ulterjuri bit-8% mit-13 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

[8] Ara l-artikolu 940(1) tal-Kap. 16.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiddikjara li l-konvenuta Catherine sive Katie Farrugia hija responsabbli għall-ħlas tal-ammont kumplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u erbgħa u tletin Euro (€55,334) u dan inkwantu għas-somma ta' €50,000 f'kapital misluf u inkwantu għas-somma ta' €5,334 f'imgħaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017 u ċioè sad-data tat-tliet ittri uffiċjali ippreżentati mill-atturi u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €55,334 mit-13 ta' Lulju, 2017 sal-pagament effettiv; u**

**2. Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-atturi l-ammont komplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u erbgħa u tletin Euro (€55,334) u dan inkwantu għas-somma ta' €50,000 f'kapital misluf u inkwantu għas-somma ta' €5,334 f'imgħaxijiet sat-12 ta' Lulju, 2017 u cioè sad-data tat-tliet ittri uffiċjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta' €55,334 mit-13 ta' Lulju, 2017 sal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' żewġ ittri uffiċjali tat-12 ta' Lulju, 2017 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Lulju, 2017 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1693/17, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.